**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-30 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 643/2015

Numru fuq il-Lista:

**GO p.l.c.**
**(C22334)**

**vs.**

**Lee Syd**
K.I. 66232(A)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 t'Awwissu 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sitt mija u tnax-il ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€611.28), liema ammont huwa in

konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Home Pack Gold Interactive bl-akkont numru A/C40180817, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ sitt mija u tnax-il ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€611.28), bl-imgħax legali dekorribbli mit-2 ta’ Settembru 2014 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 1819/14, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur